# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 237/2015/VG**

**S & R (Handaq) Limited [C-5790]**

**vs**

**JDS Limited [C-15708] u b'digriet datat 15 ta' April, 2015 giet kjamata fil-kawza ssocjeta JDS Furniture Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-24 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn hames mija u sbatax-il euro u wiehed u tmenin centezmi ta' euro [€2,517.81c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-kumpanija intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma ta' elfejn, hames mija u sbatax-il euro u wiehed u tmenin centezmi (€2,517.81) dovuta skont l-istatement datat is-7 ta' Novembru, 2012 kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala Dok. A1. Dan l-ammont jirraprezenta prezz ta' merkanzija

mibjugha u kkonsenjata mir-rikorrenti lill-intimata fuq ordni taghha stess.

Illi l-intimata giet interpellata kemm-il darba ghal hlas ta' dan l-ammont kemm bil-varji fatturi relattivi kif indikat fl-istatement anness bhala Dok A1 kif ukoll bl-istatement anness bhala Dok A1 u bl-ittra gudizzjarja numru 2750/13 mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, Ligijiet ta' Malta, [kopja annessa bhala Dok B]. Madanakollu, il-hlas dovut baqa ma sarx u ghadu dovut.

GHADAQSTANT, ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex,

1. Jiddeciedi u jiddikjara lill-intimata bhala debitrici tar-rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elfejn, hames mija u sbatax-il Euro u wiehed u tmenin centezmi (€2,517.81), jew somma verjuri li tista tigi deciza;

2. Jordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont imsemmi ta' elfejn, hames mija u sbatax-il euro u wiehed u tmenin centezmi (€2,517.81) jew somma verjuri.

   Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz fir-rigward tal-ittra ufficjali surreferita, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap".

**Ra r-risposta tas-socjeta intimata minnha pprezentata fit-8 ta' April, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Preliminarjament l-eccipjenti mhijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-relazzjoni guridika kienet bejn l-attrici u JDS Furniture Limited (C-15710).

2. F'kull kaz u b'mod preliminari wkoll, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

3. F'kull kaz u minghajr pregudizzju wkoll, anke fil-konfront tas-socjeta JDS Furniture Limited, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Il-materjal supplit mill-attrici kien difettuz u inutilizzabbli u l-akkwirenti inkorriet spejjez ta' madwar €4,500 sabiex taghmel ix-xogholijiet remedjali kollha mehtiega. Jekk xejn, hija proprju l-attrici li ghandha thallas lill-imsemmija JDS Furniture Limited.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal tal-15 ta' April, 2015 fejn id-difensur tas-socjeta rikorrenti talbet li tigi kjamata fil-kawza s-socjeta JDS Furniture Limited skont ma indikat is-socjeta intimata fir-risposta taghha. Id-difensur tas-socjeta intimata ma opponiex ghal din it-talba u t-Tribunal laqa' t-talba. Id-direttur tas-socjeta kjamata fil-kawza ta ruhu b'notifikat bit-talba u bl-avviz tas-smiegh u irrinunzja ghal kull terminu moghti lilu bil-ligi ghal prezentata tar-risposta. Dr. Alessandro Lia ddikjara li r-risposta tas-socjeta intimata JDS Limited ghandha tghodd ukoll bhala r-risposta tas-socjeta kjamata fil-kawza JDS Furniture Limited.

Ra li t-Talba kienet giet differita ghall-provi dwar il-preskrizzjoni.

Ra s-sentenza preliminari moghtija fil-15 ta' Lulju, 2015 u li permezz taghha giet michuda dik l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (fol. 73).

Ra r-rikors datat 16 ta' Ottubru, 2015 u li permezz tieghu s-socjeta intimata wara li spjegat li hemm talba ohra fl-ismijiet Brincat's Co Limited vs JDS Limted (Talba Numru 238/2015/GB), talbet li "*ai termini tal-artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta din it-talba tigi mibghuta quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar diversament presjedut sabiex iz-zewg talbiet hawn fuq imsemmija jkunu jistghu jinstemaw mill-istess gudikant*" (fol. 82).

Ra l-verbal datat 21 ta' Ottubru, 2015 u li minnu jirrizulta li d-difensur tas-socjeta intimata, b'referenza ghar-rikors datat 16 ta' Ottubru 2015, qal li t-talba kellha tinftiehem li l-kawza bin-numru 238/2015 tigi quddiem dan it-Tribunal kif presedut u mhux il-kawza 237/2015 tintbaghat quddiem it-Tribunal diversament presedut.

Ra li d-difensur tas-socjeta rikorrenti irrimettiet ruhha ghat-talba tar-rikors datat 16 ta' Ottubru, 2016.

Ra li fil-21 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal laqa' dik it-talba u ordna li l-kawza fl-ismijiet Brincat's Co Limited vs JDS Limted (Talba Numru 238/2015/GB) tingieb quddiemu u titqieghed fuq il-lista tieghu.

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, s-socjeta rikorrenti talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' €2,517.81c rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha. Da parti taghha, s-socjeta intimata ecceppiet b'mod preliminari li hija ma hijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u talbet ghalhekk li hija tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Stqarret li r-relazzjoni guridika kienet bejn is-socjeta rikorrenti u JDS Furniture Limited (C-15710). Fil-mertu qalet li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti, anki fil-konfront tas-socjeta kjamata fil-kawza JDS Furniture Limited, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha. Dan peress li l-materjal supplit mis-socjeta rikorrenti kien difettuz u inutilizzabbli u l-akkwirenti inkorriet spejjez ta' madwar €4,500 sabiex taghmel ix-xogholijiet remedjali kollha mehtiega. Jekk xejn, kompliet tghid is-socjeta intimata, hija proprju s-socjeta rikorrenti li ghandha thallas lill-imsemmija JDS Furniture Limited. Fis-seduta tal-15 ta' April, 2015 gie dikjarat li r-risposta tas-socjeta intimata ghandha tapplika ghas-socjeta kjamata fil-kawza.

2. Kif diga gie rilevat izjed il-fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna a bazi ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili mqanqla kemm mis-socjeta intimata kif ukoll mill-imsejha fil-kawza giet michuda b'sentenza ta' dan it-Tribunal datata 15 ta' Lulju, 2015.

   Ikkunsidra;

3. Fattwalment, mill-atti tat-talba u mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizultaw is-segwenti:

   i. **Gregory Brincat**, *general manager* tas-socjeta rikorrenti qal li qabel l-2011 is-socjeta rikorrenti kienet tinnegozja mas-socjeta intimata. Ghal xi zmien, in-negozju bejn il-partijiet kien waqaf u regghu bdew jinnegozzjaw fl-2011. Qal li l-partijiet kienu qablu li "*jinfetah kont, johorgu l-fatturi on account, u jibdew jithallsu wara tletin (30) gurnata wara kull data ta' fattura*" (fol. 19). Qal li s-socjeta minnu rappresentata timmanifattura l-lostru u imbaghad tbieghu lil mastrudaxxi bhal ma huma s-socjetajiet intimati. Qal li "*John Sammut* (id-direttur tas-socjeta intimata u tas-socjeta kjamata fil-kawza) *qatt ma cahad li*

*ghandu jaghti dan l-ammont*" (fol. 20). Kompla jghid li huwa kien kellem lil John Sammut biex ihallas l-ammont dovut peress li kienu qabzu xahrejn u skond ix-xhud, dan John Sammut kien qallu li "*kien qed jistenna pagament minghand tas-Sea Bank u li dan ma kienx hallsu u li kif appena jircievi c-cekk huwa kien ser jghaddili l-pagament*" (fol. 20). Zied ighid li huwa kien baqa jkompli jsus ghal dan il-pagament sa zmien sena mill-ahhar fattura. Sussegwentement, meta huwa baqa ma rcieva l-ebda pagament, huwa kien reggha kellem lil Sammut u qallu li ma kien ghad fadallu l-ebda triq ohra ghajr li jfittxu. Meta qallu dan il-kliem, kompla jghid ix-xhud, Sammut wiegbu u qallu li kien ser ifittxu ghal lostru hazin. Qal li din kienet l-ewwel darba li kien semgha dwar il-kwistjoni tal-lostru u li l-lostru kollu li kien gie konsenjat mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata kien l-istess ghajr ghal dak indikat fuq il-fattura bin-numru 19274 u li ggib id-data tat-30 ta' Novembru, 2011. Wara Dicembru, 2011, il-partijiet ma baqghux juzaw l-istess arrangament ghar-rigward tan-negozju taghhom izda bdew juzaw *cash on delivery*. Il-lostru li kienet qeghda tixtri s-socjeta intimata wara Dicembru, 2011, kompla jghid ix-xhud, kien differenti minn dak li kien gie kkonsenjat qabel.

In kontro-ezami, huwa qal li huwa kien kellem lil John Sammut fil-bidu ta' din is-sena biex ihallas l-ammont dovut u li dan kien qallu biex ikellem lil ibnu dwaru. Wara din id-diskursata infethu dawn il-proceduri. Ix-xhud qal ukoll li "*sa Dicembru tal-elfejn u tnax (2012) jiena kont ghadni qed inkellem lil intimat li dejjem kien jghidli ... korrezzjoni ... mhux lill-intimat izda lil John Sammut li huwa r-rapprezentant tas-socjetajiet intimati li dejjem kien jghidli illi kien ser ihallasni meta thallas is-Sea Bank*" (fol. 21). Sahaq li "*l-uniku darba li John Sammut lili qatt qalli illi l-lostru kien hazin kien l-ahhar darba li mort inkellmu wicc imb'wicc u cioe ghal habta ta' Dicembru elfejn u tnax (2012) u l-ghaliex il-bqija qatt qabel ma kien qalli illi kien hemm xi problemi fuq il-lostru*" (fol. 21).

Fis-seduta mizmuma fit-28 ta' Jannar, 2016, ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti cahad kategorikament li huwa kien applika

xi *spray* fuq il-bieba li semma r-rapprezentant tas-socjeta intimata fid-deposizzjoni tieghu. Qabel pero li huwa kien biddel xi *nozzles* ta' l-i*spray gun* u dan peress li dak li kellha s-socjeta intimata ma kienx qieghed jisprejja sew. Fil-fatt, wara li kienu tbiddlu dawn in-*nozzles*, l-i*spray gun* beda jahdem sew. Qal ukoll li huwa kien staqsa lir-rapprezentant tas-socjeta intimata jekk huwa riedux jiehu lura l-i*spray gun* u dan peress li ma kienx qieghed jintuza l-ghaliex kien biddel in-*nozzles*, izda r-rapprezentant tas-socjeta intimata kien qallu li "*huwa kien lest li jzommu dan il-gun il-ghaliex kien juza wiehed ghal basecoat u l-iehor finishing*" (fol. 94).

Sahaq li "*tul iz-zmien kollu li ghamilt jiena nigri wara s-socjeta intimata sabiex nithallas ghal prodott li kont tajtha hija qatt ma kienet qaltli li kien hemm xi problemi fuq il-lostru*" (fol. 94). Kien biss meta huwa kien qal lir-rapprezentant tas-socjeta intimata li kien ser ifittxu bil-qorti biex jithallas tal-konsenja, kompla jghid dan ix-xhud, li dan kien qallu li "*l-ewwel kelli nhallsu jiena ghal hsarat illi garbet kcina li huwa kien biegh lill-klijenta tieghu minhabba dan il-lostru taghna*" (fol. 94).

Kompla jghid li dwar is-segwenti fatturi qatt ma kien hemm ilment min naha tas-socjeta intimata. Skont ma jirrizultamix-xhieda tieghu, dawn huma:

(i) Fattura numru 18895 (fol. 24) fl-ammont ta' €775.12;
(ii) Fattura numru 18896 (fol. 26) fl-ammont ta' €142.24;
(iii) Fattura numru 18927 (fol. 28) fl-ammont ta' €335.12;
(iv) Fattura numru 19276 (fol. 32) fl-ammont ta' €30;
(v) Fattura numru 19368 (fol. 34) fl-ammont ta' €111.56;
(vi) Fattura numru 19369 (fol. 36) fl-ammont ta' €160.28;
(vii) Fattura numru 19401 (fol. 38) fl-ammont ta' €148.74;
(viii) Fattura numru 19504 (fol. 40) fl-ammont ta' €179.16;

Total: €1,882.22c

Kien biss dwar il-fattura bin-numru 19274 (fol. 30) fl-ammont ta' €635.59c li s-socjeta intimata qalet li kellha problema

dwarha. Il-lostru imsemmi f'din il-fattura, kompla jghid ix-xhud, huwa differenti mill-lostru imsemmi fil-fatturi l-ohra.

Mistoqsi x'differenza hemm bejn lostru u iehor, ix-xhud qal li l-lostru li hemm indikat fuq il-fattura li tinsab esebita a fol. 30 "*hija aktar addatata ghal makkinarju li kellha s-socjeta intimata*" (fol. 95).

Il-fatturi msemmija, kompla jghid ix-xhud, kollha jitkellmu fuq *one litre stain*. Hemm ukoll t-*thinners* u dawn kienu jintuzaw minn magna ghall-ohra. It-*thinners* jintuzaw kemm fuq ir-robot u kemm manwalment.

Ix-xhud qal ukoll li r-rapprezentant tas-socjeta intimata kien qallu li kien hemm kwistjoni dwar kcina izda li dan ir-rapprezentant ma kienx qallu li "*kienet minhabba xi tort tal-materjal li tajtu jiena*" (fol. 95). Sahaq li safejn jaf hu, r-rapprezentant tas-socjeta intimata qatt ma qallu "*li kellu xi nkwiet fuq din l-ghamara tal-kcina minhabba l-lostru tieghi*" (fol. 95).

Ghar-rigward tal-fatt li huwa kien mar ghand is-socjeta intimata, x-xhud qal li "*mort il-ghaliex hu kien qalli li kellu problema bil-gun u hekk ghamilt hadtlu n-nozzles u l-gun*" (fol. 95). Reggha sahaq ghal darb'ohra li r-rapprezentant tas-socjeta intimata "*kien qalli sabiex ingib il-gun xorta pero nerga nghid illi ma kien semmieli xejn fuq il-lostru*" (fol. 95).

ii. **John Sammut**, fuq mistoqsija tat-Tribunal qal li huwa kien semma l-kwistjoni tas-Sea Bank u li din kienet ghadha ma hallsitux mar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti. Zied ighid li "*pero x-xoghol illi hadna ahna ma kellu x'jaqsam xejn mas-Sea Bank*" (fol. 23). Qal li Gregory Brincat kien jitolbu ghall-hlas izda huwa kien jghidlu li huwa kien ihallsu hekk kif appena jsolvi l-problemi li kellu mal-klijenti minhabba l-lostru. Dan id-diskors kien sar fl-2012 pero zgur li ma kienx sena wara li kienet giet ikkonsenjata l-merkanzija mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata. Qal li huwa xtara xi *stain* fl-2015 u mhux

lostru. Qal li qatt ma reggha xtara lostru minghandu. Kienu jixtru ukoll xi *parts* tal-pompi taghhom u dan peress li s-socjeta rikorrenti kienet l-agent taghhom u ghalhekk ma setghu jixtruhom minn imkien izjed. Fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2016 qal li huwa sar jaf lil Gregory Brincat madwar 25 sena ilu u li kien jixtri l-lostru minghandu. Qal li kien ghamel zmien twil jahdem mieghu izda mbaghad peress li kellhom xi problemi kien waqaf jinnegozja mieghu izda mbaghad wara xi zmien regghu bdew jinnegozjaw. Kien l-istess Gregory Brincat li kien reggha avvicinah u wara li tkellmu, r-rapprezentant tas-socjeta intimata kien talbu jekk kellux zebgha tal-lostru ghar-*robot* u wara li Brincat ikkonfermalu li kellu, huwa xtara xi prodotti minghandu sabiex ikunu jistghu jhaddmu l-istess *robot*. Qal li xtraw xi zewg jew tlett konsenji u kienu anke sprejjaw b'idejhom. Qal li wara dan l-inkontru, s-socjeta minnu rapprezentata bdiet tixtri kontinwament il-prodotti minghand is-socjeta rikorrenti.

L-istess rapprezentant stqarr li "*f'siegha u l-hin il-finishing tax-xoghol taghna ma bediex johrog kif suppost u kellna xi zewg ilmenti zghar mill-klijenti taghna izda minn hawn u minn hemm spiccajna rrangajniehom*" (fol. 91). Stqarr li dawn kienu l-ahhar konsenji li huma kienu xtraw minghand Brincat. In sostenn ta' dak li kien ghadu kif qal, ir-rapprezentant esebixxa *email* mibghuta lilu minn certu Kevin Mifsud (dok. JS1 a fol. 97) dwar kcina li kienet ghamlet ghalih l-istess socjeta intimata. Qal li "*ahna konna uzajna l-lostru li konna xtrajna minghand is-socjeta rikorrenti*" (fol. 91). Apparti dan l-incident, kompla jghid ix-xhud, kien hemm xi incidenti zghar ohra u li ma kienux ta' l-istess kobor bhal din il-problema. Dawn hadu hsieb jirrangawhom huma. Il-problema fil-kcina li kienu ghamlu lil dan Mifsud kienet li l-lostru kien qieghed jinqasam. Kompla jghid li huma regghu hadu lura l-kcina minghand il-klijent taghhom, barxuha u regghu ghamlu l-i*stain* u regghu uzaw l-istess lostru li kienu xtraw minghand is-socjeta rikorrenti. Qal li r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien biddel xi *thinners* meta huma kienu gew biex jisprejjaw din il-kcina ghat-tieni darba. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kien qallu li l-

problema setghet kienet gejja mit-*thinner* u dan peress li l-ewwel wiehed li kien intuza kien jinxef aktar malajr mit-tieni wiehed. Wara li giet installata l-kcina ghand Mifsud ghat-tieni darba, huma regghhu rcevew telefonata ohra fejn regghu gew infurmati li reggha hareg il-qsim. Huwa kien qal lill-klijent sabiex jaghtih ftit zmien sakemm ikun jista jikkomunika mal-agent. Huwa lmenta mas-socjeta rikorrenti b'dan il-fatt u fil-presenza tar-rapprezentant taghha, Gregory Brincat sar *test* fuq bieba ta' din il-kcina bit-*thinner* u l-i*spray* tas-socjeta rikorrenti. Din kienet it-tielet darba li din il-bieba kien qieghed isirilha l-i*spray*, izda minkejja dan xorta wahda reggha hareg il-qsim. Ghal dan it-test kien hemm prezenti ukoll iben ir-rapprezentant tas-socjeta intimata u cioe David Sammut. Gregory Brincat reggha applika l-i*spray* fuq din il-bieba huwa personalment u xorta wahda regghu hargu x-xquq wara li din nixfet. Spiccat is-socjeta intimata li kellha tbiddel il-bibien kollha tal-kcina a spejjes taghha u uzat materjal ta' haddiehor sabiex taghmel l-i*spray*. Wara li uzaw dan il-materjal ta' haddiehor, il-klijent ma baqghax jilmenta.

Mistoqsi in kontro-ezami meta kienu xtraw l-i*spray* minghand is-socjeta rikorrenti huwa qal li dan ghamluh bejn Ottubru u Dicembru, 2011. Qal li lis-socjeta rikorrenti, huwa kien qalilha "*li hekk kif appena tissolva l-problema konna lesti li nhallsuha pero ma konniex lesti li nhallsuh jekk il-problema tibqa tippersisti kif fil-fatt grat*" (fol. 92).

iii. Id-*delivery notes* ipprezentati mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2015 huma kollha iffirmati ghajr ghal dik bin-numru IVQ0366 li tirreferi ghall-fattura numru 9401.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. L-ewwel u qabel kollox ghandha tigi deciza l-eccezzjoni mqanqala mis-socjeta intimata u cioe li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur u li r-relazzjoni guridika kienet mas-socjeta kjamata fil-kawza. It-Tribunal jirrileva li fil-15 ta' Novembru, 2013 s-socjeta rikorrenti kienet baghtet ittra ufficjali (numru 2752/13) lis-socjeta intimata

JDS Limited (fol. 4). It-twegiba ghal din l-ittra ufficjali maghmula a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tinsab ukoll esebita a fol. 102 tal-process. Fiha, l-istess socjeta intimata kienet qalet li hija "*qeghdha topponi l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmija ittra ufficjali billi mhuwiex minnu li l-ammont pretiz huwa cert, likwidu u dovut*". Ma tqanqlet l-ebda kwistjoni li s-socjeta intimata ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta rikorrenti jew li hija ma kienitx il-legittimu kontradittur. Din il-kwistjoni qamet biss fir-risposta li giet intavolata f'dawn il-proceduri odjerni. Di piu, anke l-fatturi esebiti mis-socjeta rikorrenti kollha huma intestati "JDS LTD JDS FURNITURE". Ma ingiebet l-ebda prova f'dawn l-atti biex turi li s-socjeta intimata qatt opponiet ghal mod kif kenu qeghdin johorgu l-istess fatturi u ghalhekk, it-Tribunal ma huwiex sejjer jilqa din l-eccezzjoni u konsegwentement qieghed jichadha.

5. Fil-mertu jinghad li l-kwistjoni hija kollha dwar il-kredibilita tax-xhieda. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti jghid li s-socjeta intimata qeghda tilmenta mill-lostru li hemm indikat fuq il-fattura bin-numru 19274 (fol. 30) fl-ammont ta' €635.59c. Qal ukoll li dwar il-fatturi l-ohra ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti indika din il-fattura partikolari l-ghaliex il-lostru f'dik il-fattura kien differenti mil-lostru l-iehor li inbiegh lis-socjeta intimata u li gie indikat fil-kumplament tal-fatturi. Dan il-fatt u cioe li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tas-socjeta intimata ghar-rigward tal-kumplament tal-fatturi, li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' €1,882.22c baqa qatt ma gie kkontestat mis-socjeta intimata jew dik kjamata fil-kawza. L-uniku lment li kien hemm da parti tas-socjeta intimata kienet li fit-2 ta' Jannar, 2012 hija kienet irceviet *email* (fol. 97) fejn kien sar ilment min klijent taghha dwar xi xquq li kien hemm fil-bibien tal-kcina. Min qari ta' l-istess *email* irrizulta li din il-problema kienet hemm diga sa mill-bidu ta' Dicembru, 2011. Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata sostna li huwa kien informa lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti b'din il-problema u dan ir-rapprezentant sahanistra kien mar ghandhom u applika l-lostru huwa stess fuq wahda mill-bibien in kwistjoni. John Sammut, ir-rappresentant tas-socjeta intimata qal li meta r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Gregory Brincat kien applika l-lostru fuq din il-

bieba kien hemm prezenti ukoll ibnu David Sammut. Gregory Brincat dan kollu jichdu bil-qawwa u qal li huwa kien mar ghand is-socjeta intimata sabiex ibidlilha xi nozzles ta' l-ispray gun li ukoll kien inxtara minghandhom. Qal li meta huwa kien biddel dawn in-nozzles, kien staqsa lil Sammut biex jiehu lura n-nozzles li ma kienux tajba izda dan talbu sabiex ihalliehomlu kif fil-fatt gara.

6. It-Tribunal stenna li David Sammut kien jittella jixhed biex jikkorrabora dak li kien qal missieru ghar-rigward tal-fatt ta' meta Gregory Brincat kien suppost mar ghandhom biex japplika l-lostru fuq wahda mill-bibien tal-kcina ta' Mifsud. Dan ma sehhx. Apparti dan, l-istess Gregory Brincat kien qal l-kwistjoni tal-lostru hazin qatt ma kienet issemmiet minn Sammut u li anzi dan kien dejjem jghidlu li hekk kif appena jhallsu tas-Seabank huwa kien lestli jissalda l-kont li kellu mas-socjeta rikorrenti. John Sammut, filwaqt li jammetti li huwa kien semma l-kwistjoni tas-Seabank ma Gregory Brincat qal li dik il-bicca xoghol ma kellha x'taqsam xejn mal-prodotti li kien xtara minghand is-socjeta rikorrenti.

7. Kollox ma kollox, it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda ta' Gregory Brincat dwar dan il-kaz u ghalhekk sejjer jiddikjara li s-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza ma ppruvawx dak li gie allegat minnhom fir-risposta taghhom u li konsegwentement huma ghandhom ihallsu lis-socjeta rikorrenti l-ammont minnha reklamat f'dawn il-proceduri, liema ammont, it-Tribunal jiddikjara, li gie sodisfacentement ippruvat skont il-ligi.

8. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni mqanqla mis-socjeta intimata u cioe li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur, qieghed jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lis-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza sabiex ihallsu lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' elfejn hames mija u sbatax-il euro u wiehed u tmenin centezmi ta' euro [€2,517.81c] bl-imghaxijiet skont ma hemm mahsub fl-

artikolu 26A tal-Kap. 13 mid-data ta' meta kull ammont kien dovut skont il-fatturi esebiti sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez jithallsu kollha mis-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**